Ott 2019

ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR

# Kunsill Ġdid

## B'ĦIDMA LI MA TAQTA' XEJN

## *Newly Elected Council with continuous activity*



Festa Tfal – Mnarja 2019



Ikla Tradizzjonali – Mnarja 2019







Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat 2019

© Allan Attard

# ID-DISA' KUNSILL LOKALI TAN-NADUR

## SER JIBQA' QRIB TIEGĦEK

*The 9th Local Council of Nadur - To Remain Close to the Residents*








# RESPONSABILTAJIET TAL-KUNSILLIERA

*Assigned Responsibilities*

**SINDKU Edward Said:**
Żgħażagħ, Sports, Relazzjonijiiet Pubbliċi, Infrastruttura, Proġetti, Finanzi. (Youths, Sports, Public Relations, Infrastructure, Projects, Finances)

**VIĊI SINDKU Eucharist Camilleri:**
Qasam Soċjali, Anzjani, Charter Ewropew, Relazzjonijiet Internazzjonali. (Social Sector, Senior Citizens, European Charter, International Relations)

**Joseph Vella:**
Edukazzjoni, Informazzjoni lill-Pubbliku, Tfal, Relazzjonijiet Entitajiet Parastatali. (Education, Public Information, Children Sector, Public Entities Relations)

**Josef Camilleri:**
Attivitajiet, Kultura, Siti Storiċi, Servizzi fil-Komunità, Ġonna Pubbliċi. (Activities, Culture, Historical Sites, Community Services, Public Gardens)

**Jean Paul Portelli:**
Ambjent, Indafa Pubblika, Ħarsien tal-Annimali, Fondi Ewropej, Skemi Oħra. (Environment, Public Cleanliness, Animal Rights, European and Other Funds)



# Messaġġ mis-Sindku

Edward Said

Huwa ta' sodisfazzjon kbir li n-Nadurin għoġobhom jafdawni mill-ġdid bħala Sindku tal-lokalità tagħna, u dan wara erba' snin ta' ħidma li ma qatgħu xejn. Jiena ċert li xejn ma jiġi waħdu u l-enerġija, l-għaqal u l-impenn li wrejna bħala Kunsill fl-aħħar snin ħallew il-frott, tant li emmintu li għandi nkun jien li mmexxi dan il-Kunsill għal ħames snin li ġejjin. Din tfisser anke responsabilita' kbira, u għaldaqstant minflok ħadt perjodu ta' mistrieħ, iddeċidejt li sa mill-ewwel ġurnata wara l-elezzjoni tkompli l-ħidma bla heda. Proprju wara ftit xhur diġa tistgħu tiġġudikaw l-istil ta' tmexxija tiegħi, dik ta' għaqda ma' kulħadd, mingħajr ma naraw uċuħ. Qed naħdmu sabiex issa nwettqu diversi proġetti li fassalna fix-xhur li għaddew u anke ġibna fondi għalihom. Se nkompli nieħu ħsieb il-finanzi u l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, intejjeb ir-relazzjonijiet internazzjonali, u nikkrejaw ferm aktar proġetti u attivitajiet. Ser naċċerta li nibqgħu ninvolvu lil kulħadd, u nkabbru n-numru ta' volontiera, kif ukoll nagħtu priorita lill-attivitajiet sportivi. Il-fiduċja tagħkom ser insarrafha f'aktar Għaqda, Serjetà u Suċċessi.

## Ħarġiet tal-Anzjani



Ħarġiet tal-Anzjani b'differenza, organizzati kull xahar, fejn naraw lill-anzjani jiddevertu, jirrilassaw, jissoċċjalizzaw u jitgħallmu.
*Different senior citizens outings every month.*

## Day Centre



Jiftaħ id-Day Centre tal-Anzjani ta' kull nhar ta' Tlieta, immexxi b'tant dedikazzjoni minn Lina Mifsud, flimkien ma' Rita Sultana u Mary Rose Grima.
*Tuesday Day Centre for Senior Citizens.*



# Messaġġ mill-Viċi Sindku

Eucharist (Karistu) Camilleri

Il-poplu Naduri reġa' tani l-fiduċja sabiex inservi ta' Viċi-Sindku, dejjem b'risq il-lokalità li tant hi għal qalbi. Illum sirt l-aktar kunsillier anzjan u ġejt fdat mis-Sindku biex nieħu ħsieb il-qasam tal-anzjani u anke tal-ħidma soċjali. Mill-ewwel meddejt għonqi għax-xogħol u f'Awwissu organizzajna ħarga għal Kemmuna. Tajjeb ngħidilkom li l-prijorità mhux ser tkun il-ħargiet li ser ikunu ħafna, iżda nixtieq nagħmel differenza u nkun aktar qrib tagħkom. Hija x-xewqa tiegħi li nagħtu bidu għal 'night shelter' għall-anzjani. Ambizzjoni oħra hi li jkollna Day Care Centre għat-tfal. Diġa' qajjimt dan il-punt mal-Ministru għal Għawdex u ser nara li l-Kunsill jaħdem fuq din l-idea ambizzjuża. Ta' sodisfazzjon ukoll li fis-sena 2023 in-Nadur ser iżomm Charter taż-żagħżagħ, u dan wara li ressaqt proposta fil-Laqgħa Annwali f'Lulju li għadda fuq qbil tal-Kunsill kollu. Bħala Viċi Sindku nkun ħafna qrib is-Sindku, niddiskutu flimkien biex mal-kunsilliera kollha naħdmu għall-lokalità. Dejjem nipprova li nkun ta' spalla għas-Sindku fil-ħidma tiegħu.

## Soft Area Triq Tramuntana



Dan huwa l-istat ta' kif qed tinżamm is-Soft Area ta' Triq it-Tramuntana, wara qbil mal-ELC sabiex nagħtu dehra mill-isbaħ lil din il-wesgħa.
*The new state of North Street garden.*

## Kors AED



Inżamm seminar minn Malta Cadets dwar is-CPD u AED peress li issa ser ninstallaw AED fiċ-ċentru tar-raħal.
*Seminar re CPD and AED – AED to be installed soon*



# Messaġġ

**Joseph Vella**

Sa minn eta' żgħira xtaqt li naħdem bla heda għan-Nadur. Isseħibt ma' bosta għaqdiet u nvolvejt ruħi f'bosta attivitajiet. Pero ħassejt li nista' nagħti aktar għal raħal twelidi. Ikkontestajt għall-ewwel darba fl-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali. Biex inkun kapaċi nindirizza u nifhem aħjar il-bżonnijiet tar-residenti dort bieb bieb u smajt l-ideat u suġġerimenti ta' kull Naduri. Hekk għandi viżjoni ċara biex inkun nista' niffoka aktar fuq dawk l-affarijiet li jolqtu lilkom. Nixtieq pubblikament nirringrazzja lil kull min kien ta' għajnuna għalija kif ukoll lilkom in-Nadurin li urejtu fiduċja fija. Illum nagħmel parti minn Kunsill li hu magħmul minn opinjonijiet differenti iżda b'għan komuni - id f'id nibnu fuq dak li ħallew ta' qabilna, kif ukoll noħolqu opportunitajiet u attivitajiet ġodda li jagħmlulna ġieħ. Sa mill-ewwel laqgħa sostnejt li għandna ninsew id-differenzi u naħdmu flimkien sabiex nsaħħu u ntejbu aktar l-affarijiet relatati man-Nadur u r-residenti mingħajr l-ebda distinzjoni. Ġejt afdat bl-Edukazzjoni, Informazzjoni Pubblika, it-Tfal kif ukoll Relazzjonijiet mal-Entitajiet u ser nagħmel ħilti kollha biex flimkien magħkom inkunu nistgħu nġibu l-aħjar riżultati għan-Nadur li tant ngħożżu.

## Wirja Dar Franġisk Grima



Esibizzjoni ta' suċċess minn Ħbieb tal-Presepju Nadur dwar Drawwiet, Arti u Kultura bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

*Traditional exhibition at Dar Franġisk Grima.*

## Summer Courses



Korsijiet organizzati mill-Kunsill Lokali, li nżammu matul is-sajf 2019 dwar bizzilla minn Ġuża Sammut u Mosaic minn Mary Portelli.

*Summer Courses in Lace and Mosaic.*

# European Charter of Rural Communities

**Nathalie Cassar**

## Annual Meeting - Polua Estonia
### July 2019 - 9 participants

- 4 youths and 4 adults led by Vice Mayor Eucharist Camilleri (Presidium Member).
- Representing the Nadur Community (and Malta)
- People Meet People – hosted by families and lived with people from different countries
- Cultural Experience – sharing cultural differences and visited cultural sites.
- Based on Team Work and participated in discussions and workshops.
- A Fun Experience during culinary night and closing dinner making new friends.
- Opportunity to share our traditions, food and tastes to Charter Friends.






**Rebecca Bonello**

## 30 Year Anniversary Meeting Cisse France
### September 2019 - 5 participants

- A wonderful first time ever experience, participating at the European Charter.
- Discussions and workshops re Fake News were held, including also international experiences as well as testing fake news.
- A meeting that included sight seeing, flag walk, monument unveiling, choir concert.
- Great time with Host Families getting to know different cultures and lifestyles.
- Active participation by Malta delegation in the culinary night, wearing traditional costumes.
- Had the unforgettable experience of singing live during culinary night and closing official dinner, including the song Xemx.





# Wine Festival 2019













# Messaġġ

**Jean Paul Portelli**

Nixtieq li f'dan l-ewwel messaġġ tiegħi nirringrazzja lil kull Naduri li emmen fija u li anke jemmen fit-tim dinamiku tal-Kunsill Lokali l-ġdid. Għalkemm ilni biss ftit xhur li ġejt elett, nista' ngħid li diġa qed inħoss sodisfazzjon kbir bil-kontribut li qed nagħti lir-raħal tagħna bil-ħidma tal-Kunsill Lokali. Qed inħares il' quddiem sabiex flimkien mas-Sindku u sħabi kunsilliera naħdmu bis-sħiħ sabiex ntejbu anke l-oqsma fdati f'idejja, fosthom u b'mod speċjali l-Ambjent u l-Indafa Pubblika. Naspira wkoll li l-annimali, li huma bla vuċi, tkompli tingħatalhom id-dinjità li jixirqilhom, u dan mhux biss għas-sodisfazzjon ta' min iħobb l-annimali, iżda bħala rispett lejn l-annimal innifsu. Nassigura lil kull Naduri li ser nikkollabora bis-sħiħ mal-Kunsilliera kollha, mingħajr ebda distinzjoni, għax nemmen li kull Naduri jixraqlu l-aħjar.




AVVIŻ

## LAQGĦA PUBBLIKA TAL-LOKALITÀ

It-Tlieta, 5 ta' Novembru, fil-5.00pm
Mistiedna r-residenti sabiex jgħaddu suġġerimenti.

# Messaġġ

**Josef Camilleri**



Minn dejjem kelli lin-Nadur u dak li hu Naduri għal qalbi, u proprju minħabba dan li jiena dejjem offrejt tant ħin u enerġija minn tiegħi fl-attivitajiet u inizzjattivi li jseħħu fir-raħal tagħna. Qatt ma ddejjaqt inxammar il-kmiem sabiex ngħin u nagħti daqqa t'id, u meta ġejt mitlub nagħmel pass ikbar għar-raħal tagħna, minkejja li kienet xi ħaga li qatt ma kelli ambizzjoni li nasal għaliha, ħadt dan il-pass. Ikkandidajt fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali għall-ewwel darba, u ġejt elett grazzi għalikom kollha li emmintu f'dak li dejjem rajtu b'għajnejkom. Issa l-mument li naħdem id f'id u mill-qrib aktar mas-Sindku tagħna, u mal-Kunsilliera sħabi, noħolmu u nwettqu, u wara kollox naraw li nsebbħu n-Nadur. Is-Sindku għoġbu jafdali l-attivitajiet, kultura u siti storiċi, manutenzjoni tal-ġonna u anke servizzi fil-komunità u diġa bdiet il-ħidma fuq dawn l-oqsma sabiex nieħdu inizzjattivi differenti. Kont hemm għan-Nadur minn dejjem, qiegħed hawn għas-servizz tagħkom, u ser nibqa' nġib l-interess tan-Nadur l-ewwel u qabel kollox.



Inċiżjoni tal-kwadru titular tan-Nadur (collector's item) minn Justin Falzon ippreżentat lill-Kunsill Lokali.
*Etching of the Altar Paining by Justin Falzon.*



Kwadru tal-mosaic li jissimbolizza t-Torri ta' Sopu u l-madwar, maħdum minn Mary Portelli waqt il-Wirja Agrarja 2019.
*Mosaic by Mary Portelli done during Agricultural Fair.*


**Christmas Carols | Marches | Dances**
**Games | Other Surprises**

Photos with Santa in a
Christmas Village Atmosphere

in collaboration with
**Għaqda Armar Triq il-Kappillan**

*In case of very bad weather, the activity will be postponed to Friday, 20th December*



Santa Claus is coming to Nadur
**THURSDAY**
19th December 2019
7:30pm | **NADUR SQUARE**

# FECC

Il-Karnival f'Sabac (Serbia) beda jiġi ċċelebrat fl-1968 u l-parati bdew fl-2008. Il-parati jsiru fuq 3 ijiem u jinvolvu tfal, nisa tqal u ommijiet, u anke parata nternazzjonali. Din is-sena ġejt mistieden nattendi bħala Awditur tal-FECC u miegħi ħadt grupp ta' 9 persuni. Ħadna sehem f'parata ta' 2 kilometri, quddiem 20,000 ruħ, permezz ta' maskli tal-Karnival Naduri. Organizzazjoni perfetta mingħajr xorb alkoħoliku. Bi pjaċir inħabbru li rbaħna l-premju 'Best International Competitor'. Esperjenza unika!

***Raymond Vella***









# Nadur Nadif Clean Ups

Il-grupp Nadur Nadif organizza tliet 'Clean-Ups' oħra fin-Nadur matul ix-xhur tas-sajf. Minkejja s-sħana, xammarna sabiex ma' bosta voluntiera, komplejna nsebbħu u nnaddfu n-Nadur.

Jeħtieġ inqajmu sens ta' kuxjenza u rispett lejn l-ambjent tagħna, billi l-ewwel nett innaqqsu l-konsum tal-materjali u billi ma nħammġux postijiet bħal ġonna, bajjiet, toroq u widien. Apparti li jkerrah il-post, żibel mormi fejn ġie ġie huwa ħażin għall-ambjent u għall-annimali li jgħammru fih, peress li dan iż-żibel jerħi sustanzi tossiċi li jistgħu jispiċċaw fl-ikel tagħna. Għalhekk qegħdin naħdmu bi sħiħ mal-Kunsill Lokali biex niġġieldu kontra t-tniġġis ta' raħalna permezz ta' tindifiet regolari.

Għandna lista ta' postijiet li fihom se norganizzaw tindifiet u nħeġġukom mhux biss li tingħaqdu magħna, iżda wkoll biex tkunu responsabbli f'għemilkom meta tarmu l-iskart. Illum, grazzi għall-Kunsill Lokali u skemi relatati ma' ġbir tal-iskart, tistgħu tisseparaw l-iskart riċiklabbli, organiku u ġenerali. Tistgħu ċċemplu wkoll lill-Kunsill f'każijiet ta' 'Bulky Waste'. B'hekk inkunu qed innaqqsu l-impatt tagħna fuq l-ambjent. Ħidmet Nadur Nadif se tkompli mingħajr waqfien!

***Luke Galea***

# Malta Pride

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jipparteċipa wkoll fil-Malta Pride Initiative 2019 permezz ta' bank li ġie miżbugħ bil-kuluri tal-bandiera LGBTQ+ fi Ġnien il-Kunsill. *(Local Council participating in Malta Pride Initiative).*



# Sitwazzjoni ta' Numru ta' Toroq Prinċipali fin-Nadur





Fl-aħħar xhur waħda mill-aktar materji li qed tiġi diskussa hija l-istat preokkupanti ta' numru ta' toroq ewlenin fin-Nadur. Il-Kunsill Lokali huwa konxju ta' dan u ilu snin jagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet konċernati sabiex tibda tittieħed l-azzjoni meħtieġa. Fejn tidħol Triq l-Imġarr, din jidher li wara studji ġodda li saru issa ngħata x-xogħol lil kuntrattur u għandu jibda x-xogħol meħtieġ. Nittamaw li dan ma jdumx ma jitlesta. Rigward Triq ir-Ramla, irridu wkoll nirringrazzjaw lill-Ministeru li wara pressjoni li saret anke mill-pubbliku, ittieħdet azzjoni sabiex titranġa din it-triq li kienet qed taqa'. Madanakollu, kulħadd isemmi wkoll Triq it-Tiġrija u Triq il-Qala, li dawn il-Kunsill sa anke ħadem stima ta' Triq it-Tiġrija u ddiskuta mal-Ministeru. Pero żgur li x-xogħol ma jistax jibda qabel titlesta Triq l-Imġarr għal raġunijiet ovvji. Rigward Triq it-Torri ta' Kenuna, jidher li l-Ministeru ser jagħmel studji dwarha sabiex tinbena mill-ġdid kif suppost.

## Summer Fest

Summer Fest 2019 f'Daħlet Qorrot organizzat b'suċċess min-Nadur Youngsters FC bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Wieħed mill-akbar li qatt ġie organizzat. *(Summer Fest 2019 in collaboration with Nadur Local Council).*






NADUR GARMIN 8K

END OF YEAR RUN - 29 DEC

Apply online on www.nadur8k.com

Follow latest news updates on Nadur Local Council Facebook page.

# Jum il-Kunsill 2019

**Is-Sibt 9 ta' Novembru, 2019**
**7.30pm:** Lejlet il-festa tal-KonPatrun San Koronatu, fit-Teatru MBC, jittella' Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Joseph Grech. Wara jkun hemm festin għal dawk preżenti.

**Il-Ħadd 10 ta' Novembru, 2019**
**9.00am:** Il-Membri tal-Kunsill Lokali jattendu għall-quddiesa Pontifikali ta' Jum il-Festa ta' San Koronatu.

**Il-Ġimgħa 15 ta' Novembru, 2019**
**9.00am:** Ser tinżamm 'Clean Up' mill-Grupp Nadur Nadif, f'San Blas, li hi miftuħa għall-pubbliku kollu, pero ser jattendu wkoll tfal mill-Iskola Primarja tan-Nadur.

**4:00pm:** Ħarga speċjali għall-anzjani marbuta mal-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill. Din ser tinkludi dawra f'postijiet mill-isbaħ bit-train fuq bażi ta' *first come first served* peress li l-postijiet fuq it-train huma limitati, quddiesa, u anke ikla f'post pittoresk.

**Is-Sibt 16 ta' Novembru, 2019**
**10.00am:** Attività fil-Librerija tan-Nadur indirizzata għal tfal ta' bejn 3 u 7 snin, u ser tinkludi sessjoni tal-crafts u sorpriżi oħra.

**Il-Ħadd 17 ta' Novembru, 2019**
**3.00pm:** Tinżamm l-'isports day' għat-tfal tal-iskejjel Primarji u Sekondarji fil-grawnd tal-Museum tas-Subien. Ikun hemm anke snack u drink għat-tfal kollha u midalji, kif ukoll trofej għar-rebbieħa ta' etajiet differenti.

**Is-Sibt 23 ta' Novembru, 2019**
**6.00pm:** Ser issir il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr, fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur, bis-sehem tal-membri tal-Kunsill, membri tas-sotto Kumitati, impjegati u poplu Naduri. Din il-quddiesa tkun b' sufraġju tal-ex-Sindku Joe Tabone u l-ex-Kunsillier Frans Sammut.

**7.00pm:** Fis-Sala Joe Tabone tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, serata li fiha jiġi ppreżentat Ġieħ in-Nadur 2019 lil Michael Camilleri Cauchi, waqt esibizzjoni ta' ritratti tal-kapulavuri tiegħu, kif ukoll esibizzjoni ta' dak li ġie maħdum waqt il-korsijiet tas-sajf 2019. Jiġu ppreżentati ċertifikati tal-korsijiet, u anke jsir festin tal-okkażżjoni għall-pubbliku u volontiera tal-Kunsill Lokali.




## Ġieħ in-Nadur 2019
### Michael Camilleri Cauchi

**Il-Ħadd 24 ta' Novembru, 2019**
**8.00am-2.00pm:** Ser tinżamm Open Day tat-Torri ta' Kenuna, Torri ta' Sopu, Mużew Marittimu u Shelter tal-Gwerra tal-Pjazza. Ser ikun hemm ukoll esibizzjonijiet għaddejjin fit-Torrijiet.

**9.00am:** Joe Tabone Football Tournament fil-Grawnd P.P Camilleri, għat-timijiet ta' taħt it-13-il sena organizzat min-Nadur Young Footballers. Midalji u Tazzi lil kull tim.